MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 880/2002

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 30 ta’ Lulju 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu f’Malta fil-11 ta’ Dicembru 1992, u minn dana z-zwieg twieldu t-tliet uliedhom minorenni li huma Salvatore ta’ tmien (8) snin, Vittorio ta’ seba’ (7) snin, u Pedro ta’ sentejn (2).

Illi l-kontendenti issa ilhom snin kwazi separati *de facto* minn ma’ xulxin, fis-sens li l-konvenut jirrisjedi Sqallija

ghall-parti l-kbira tas-sena, u jirritorna Malta biss ghal xi ftit mill-vaganzi tieghu. Il-konvenut jahdem l-Italja bhala messaggier fi skola, u ilu snin ma jurix interess sabiex jghix ma' familtu.

Illi l-konvenut ilu snin twal ma jikkontribwixxi assolutament xejn ghall-manteniment tal-minuri, u konsegwentement il-piz finanzjarju tat-trobbija taghhom qieghed jigi sopportat esklussivament mill-attrici.

Illi l-konvenut ghazel ukoll li jinjora l-ordni tas-Sekond' Awla Civili tal-25 t'April 2002 li mponiet l-obbligu ta' kontribuzzjoni ta' disghin lira (Lm90) fix-xahar ghall-manteniment ta' wliedu l-minorenni.

Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli minhabba nkompatibbilta' ta' karattru kif ukoll minhabba nkompatibbilta' ta' karattru kif ukoll minhabba sevizzi gravi, ingurji u mohqrija da parti tal-konvenut lejn familtu, cjoe' l-attrici u t-tliet minorenni fuq imsemmija.

Illi l-attrici tixtieq tigi awtorizzata tirrisjedi fid-dar konjugali li hija, 11, "Sempre Viva", Triq l-Alfier, Naxxar, liema fond huwa l-proprjeta' esklussiva ta' l-attrici, u dana ad eskluzjoni tal-konvenut zewgha, u dana peress li hija ma tistax tibqa' tirrisjedi mieghu minhabba t-theddid u l-ingurji li qieghda tinkorri. Fuq kollox, zewgha ma jistax jippretendi li juza d-dar taghha bhala lukanda meta jfettillu ghal ftit gimghat matul is-sena, u dana filwaqt li ma jikkontribwixxi assolutament xejn ghall-ghixien tal-familja.

Illi l-attrici tixtieq li l-kura u l-kustodja ta' wliedha l-minorenni jigu fdati f'idejha.

Illi l-attrici tixtieq titlob lil dina l-Onorabbli Qorti tordna lill-intimat ihallas retta alimentarja xierqa ghal uliedha l-minorenni.

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* minn mal-konvenut zewgha permezz ta' digriet numru 686/2002 tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 25 ta' April 2002 (Dokument "B").

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

(a) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Munzone minhabba nkompatibbilta' ta' karattru kif ukoll minhabba sevizzi gravi, ingurji, u mohqrija da parti tal-konvenut lejn familtu, cjoe' l-attrici martu A u t-tliet uliedhom il-minorenni li huma Salvatore ta' tmien (8) snin, Vittorio ta' seba' (7) snin, u Pedro ta' sentejn (2);

(b) Tafda l-kura u l-kustodja tat-tliet uliedhom, il-minorenni f'idejn l-attrici, u fl-istess waqt tistabbilixxi l-modalita' ta' access tal-konvenut ghall-istess tfal;

(c) Tistabbilixxi retta alimentarja xierqa ghall-minuri li ghandha tigi mhallsa mill-konvenut, inkluz provvediment sabiex dana l-manteniment jinkrimenta perjodikament in linea maz-zieda fl-gholi tal-hajja;

(d) Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu divizi f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati lil kull wiehed mill-kontendenti, filwaqt li tigi kkonfermata l-ordni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li l-attrici jkollha d-dritt ta' abitazzjoni fil-fond 11, "Sempre Viva", Triq l-Alfier, Naxxar.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk inkorsi fil-procedura ntavolata mill-attrici quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 8 tal-process;

Rat id-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 25 ta' April 2002 decretat mill-Onorevoli Imhallef Vincent De Gaetano fejn laqghet it-talbiet tar-rikorrenti fir-rikors taghha datat 7 ta' Frar 2002 fejn awtorizzat lill-attrici tghaddi ghall-proceduri ta' separazzjoni, tat il-kura u l-

kustodja tal-minuri lill-attrici bi dritt ta’ access ghall istess ulied favur il-missier meta huwa jkun Malta, ordnat lill-konvenut, dakinhar l-intimat sabiex ihallas manteniment ta’ disghin lira Maltin (Lm90) fix-xahar ghal uliedu, pagabbli kull xahar bil-quddiem b’effett mit-22 ta’ April 2002, u laqghet ir-raba’ talba fejn awtorizzat lill-mara rikorenti sabiex tghix fid-dar konjugali ad eskluzjoni ta’ l-intimat.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Joanne Vella Cuschieri datat 17 t’Ottubru 2002 fejn filwaqt li rrilevat li hija m’ghadhiex tagixxi bhala prokuratrici tal-konvenut, u li l-kawza kellha tigi ntavolata kontra kuraturi *stante* li l-konvenut ma jinsabx f’dawn il-Gzejjer, talbet lil din il-Qorti sabiex tiddikjara n-notifika tac-citazzjoni rrita u nulla u taghti kull provvediment opportun in konnessjoni ma’ tali dikjarazzjoni.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-22 ta’ Novembru 2002 fejn cahdet it-talba *stante* li ma ngabet ebda prova dwar il-*veste* tar-rikorrenti, u dwar l-allegata rinunzja tal-prokura.

Rat il-verbali tas-seduti tat-3 ta’ Dicembru 2002 fejn wara li Dr. Joanne Vella Cuschieri sostniet il-pozizzjoni taghha wara r-rikors taghha, il-Qorti ordnat lill-attrici sabiex tirregola ruhha; u tat-12 ta’ Frar 2003 fejn Dr. Paul Farrugia ghall-attrici nforma lill-Qorti li ntavola rikors ghal hatra ta’ kuraturi deputati.

Rat l-inkartament fejn b’digriet tas-27 ta’ Frar 2003 gew nominati Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat il-verbali tat-12 ta’ Marzu 2003; tat-13 ta’ Mejju 2003 fejn inghata digriet nota guramentata u digriet affidavit tal-partijiet b’terminu ta’ hamsin (50) gurnata kull wiehed.

Rat li l-kuraturi deputati hekk nominati gew notifikati bic-citazzjoni attrici fit-30 ta’ April 2003 u fid-9 ta’ Mejju 2003 kif jirrizulta *a tergo* fol. 32 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati a fol. 38 tal-process datata 19 ta’ Mejju 2003 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 39 sa 41 tal-process.

Rat il-verbal tad-9 t’Ottubru 2003 fejn ma deher hadd u l-kawza giet differita *sine die.*

Rat ir-rikors ta’ l-attrici tat-23 ta’ Dicembru 2003 fejn talbet li l-kawza terga’ tigi riappuntata ghas-smiegh, liema talba giet milqugha b’digriet tal-24 ta’ Dicembru 2003 fejn il-kawza giet riappuntata mill-gdid ghas-smiegh ghas-17 ta’ Frar 2004.

Rat il-verbali tas-17 ta’ Frar 2004 fejn il-partijiet taw ruhhom b’nofikati bil-mozzjoni tar-riappuntament tal-kawza; tal-1 t’April 2004 fejn l-attrici u d-difensur taghha msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux, u ghaldaqstant il-kawza giet ghal darb’ohra differita *sine die*.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Paul Farrugia tat-3 ta’ Gunju 2004 fejn talab li l-kawza terga’ tigi riappuntata.

Rat l-erba’ affidavits attrici, cjoe’ taghha **A** tal-31 ta’ Mejju 2004, ta’ **Celestina Fenech**, ta’ **Carmen Magri** u ta’ **Speranza Xuereb**, ilkoll datati 31 ta’ Mejju 2005 minn fol. 53 sa fol. 59 tal-process.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-8 t’Ottubru 2004 fejn irriappuntat il-kawza ghas-smiegh b’dan li tat zmien ta’ tletin gurnata lill-kuraturi sabiex jipprezentaw l-affidavits kollha taghhom, u nnominat lil Dr. Vincent Galea bhala Assistent Gudizzjarju biex f’zewg seduti jisma’ l-provi kollha.

Rat iz-zewg noti tal-kuraturi, wahda tal-14 ta' Settembru 2004 u l-ohra datata 11 t'Ottubru 2004 li permezz taghhom ipprezentaw kopja ta' tliet ittri.

Rat il-verbali tal-21 t'Ottubru 2004, u tal-1 ta' Marzu 2005 fejn deher biss Dr. Paul Farrugia ghall-attrici, u l-kawza giet differita ghal sentenza in difett' ostakolo ghall-31 ta' Mejju 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Dicembru 1992 u marru joqoghdu fil-fond proprjeta' ta' l-attrici, (*stante* li kien gie mixtri minnha qabel iz-zwieg permezz ta' kuntratt pubbliku datat 21 ta' April 1986 ppubblikat min-Nutar Tonio Spiteri – Dok. "MM1") u jidher li l-hajja tal-partijiet kienet karatterizzata mill-fatt li jirrizulta mill-provi, li kull meta l-partijiet kienu jitlewmu, il-konvenut kien jaqbad jmur lura pajjizu gewwa Sqallija u jhalli lil martu hawn ma' wliedu. Jidher ukoll l-istess konvenut zamm lill-attrici u lil uliedha fil-bzonn anke peress li naqas milli jghaddilhom manteniment, liema sitwazzjoni ghadha hekk tippersisti sal-lum ghaliex minkejja d-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, l-istess konvenut naqas li jhallas jew jissoministra l-manteniment kif ordnat ghall-minuri.

Illi jirrizulta wkoll li ghalkemm l-istess konvenut ghandu mpjieg fl-Italja u ghandu wkoll introjtu minn pensjoni tal-militar Taljan, xorta wahda mhux qed imantni lil uliedu. Dan minkejja li meta jkun hawn Malta l-access qatt ma jigi negat lilu. Apparti dan hemm provi wkoll li l-istess konvenut ingurja gravament lill-attrici u wkoll kien hati fil-konfront taghha u ta' wliedu ta' sevizzi, mohqrija u ngurji gravi, kawza ta' liema z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u l-konvivenza ta' bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli ghar-ragunijiet imputabbli solament lill-konvenut. F'diversi aggravji l-attrici hija

kkorroborata mix-xhieda ta’ **Carmen Magri** li kkonfermat li l-konvenut kien akkuza ngustament lill-attrici li binhom Filippo ma kienx tieghu, liema akkuza waheda tammonta ghal ingurja gravvisima. Hawn il-Qorti tirreferi wkoll ghax-xhieda taz-zija ta’ l-attrici, certu **Celestina Fenech**, kif ukoll tal-kugina ta’ l-attrici **Speranza Xuereb** li t-tnejn ikkonfermaw, kull wahda bil-mod taghha, li fil-maggor parti kienet l-attrici li pprovdiet ghall-manteniment taghha u ta’ wliedha, mentri l-konvenut kien spiss jabbandunahom u jmur l-Italja u jhallihom fil-bzonn.

Illi ghalhekk l-ewwel talba ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut. Fit-tieni lok, it-tieni talba ghandha wkoll tigi milqugha b’dan li l-kura u l-kustodja ta’ l-istess ulied il-kontendenti ghandha tigi fdata f’idejn l-omm bi dritt ta’ access favur il-missier meta dan ikun hawn Malta skond kif gja’ ndikat fid-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili datat 25 ta’ April 2002 u esebiet a fol. 8 tal-process.

Illi tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u dan b’effett mis-7 ta’ Frar 2002, u tiddikjara li li ma hemm xejn x’jigi likwidat, diviz u assenjat ghaliex l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti ma fiha xejn ta’ valur. Fil-fatt il-fond “Sempre Viva”, Triq l-Alfier, Naxxar, bil-mobbli kollha li jinsabu fih huma kollha proprjeta’ parafernali ta’ l-attrici, u ghalhekk ir-raba’ talba attrici qed tigi milqugha f’dan is-sens.

Illi fl-ahharnett konsegwenti ghal dan kollu din il-Qorti thoss li ghandha tikkonferma li l-istess konvenut ghandu obbligu li jikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ wliedu u ghalhekk tordnalu sabiex ihallas bhala manteniment lill-attrici ghal uliedhom ir-retta alimentari ta’ mija u ghoxrin Maltin (Lm120) kull erba’ gimghat pagabbli bil-quddiem fir-residenza ta’ l-istess attrici, u dovuti mid-data ta’ din is-sentenza. Tikkundanna wkoll lill-konvenut ihallas l-arretrati kollha ta’ manteniment kif stabbilit mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fid-digriet taghha tal-25 ta’ April 2002 b’effett mill-istess data sat-30 ta’ Mejju 2005, bir-rata ta’ disghin lira Maltin (Lm90) fix-xahar hekk stabbilita fl-istess digriet ta’ l-imsemmija Qorti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

(a) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi minhabba r-ragunijiet fuq indikati, inkluzi sevizzi gravi, ingurji, u mohqrija da parti tal-konvenut lejn familtu, cjoe' l-attrici martu A u t-tliet uliedhom - il-minorenni li huma Salvatore (li meta saret l-kawza kellu tmien (8) snin), Vittorio (li meta nfethet il-kawza kellu seba' (7) snin), u Pedro (li meta giet istitwieta din il-kawza kellu (2) sentejn) - u kawza ta' l-istess iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u l-konvivenza bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli.

(b) Tafda l-kura u l-kustodja tat-tliet uliedhom minorenni, f'idejn l-attrici, bi dritt ta' access favur il-missier meta huwa jkun hawn Malta skond kif gja' ndikat fid-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 25 ta' April 2002.

(c) Tilqa' din t-talba u tikkonferma li l-istess konvenut ghandu obbligu li jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' wliedu, u ghalhekk tordna lill-konvenut sabiex ihallas bhala manteniment lill-attrici ghal uliedhom minuri r-retta alimentari ta' mija u ghoxrin Maltin (Lm120) kull erba' gimghat pagabbli kull erba' gimghat bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici, u dovuti mid-data ta' din is-sentenza. L-istess konvenut huwa kkundannat ukoll ihallas l-arretrati kollha ta' manteniment kif stabbilit mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fid-digriet taghha tal-25 ta' April 2002 b'effett mill-istess data tal-25 ta' April 2002 sat-30 ta' Mejju 2005, bir-rata ta' disghin lira Maltin (Lm90) fix-xahar kif stabbilit fl-istess digriet ta' l-imsemmija Qorti.

(d) Tilqa' din ir-raba' talba u ghalhekk tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mis-7 ta' Frar 2002, filwaqt li ghall-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-istess qed jigi

dikjarat li ma hemm xejn x'jigi diviz u assenjat ghaliex l-istess komunjoni ta' l-akkwisti ma fiha xejn ta' valur. Fil-fatt l-oggetti kollha li hemm fil-fond 11, "Sempre Viva", Triq l-Alfier, Naxxar, bil-mobbli kollha ta' go fih huma kollha proprjeta' parafernali ta' l-attrici, u minhabba dan qed tigi prezenzjalment ikkonfermata l-ordni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li l-attrici jkollha d-dritt ta' abitazzjoni fl-istess fond flimkien ma' wliedha bl-eskluzjoni tal-konvenut. Qed jigu wkoll applikati kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet kollha ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16**.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut assenti, filwaqt li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------